# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XVI**
**Illum il-Gimgha, 9 ta' Frar, 2001**

**Appell Nru 249/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezejuttiva, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kontra Carmel Micallef talli fis-6 ta' Lulju, 1999, ghall-habta tas-6.00 p.m., fil-hanut Melway Discount Store, Triq Misrah Suffara, Rabat, naqas li jaghti u jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fuq bejgh ta' provvista skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista , u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51 u 77(a)(e) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Novembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Carmel Micallef hati u tikkundannatu ghall-piena ta' Lm200 multa;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmel Micallef, minnu ppresentat fis-17 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2001; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, illi hu ma kellu ebda kontroll fuq dak li gara. Skond l-appellant, waqt li impjegata tieghu kienet qed topera il-*cash register* u taqdi klient, klient iehor ha flixkun Pepsi u pakkett sigaretti minn fuq l-ixkafef, telaq il-flus fuq il-bank u baqa' hiereg 'l barra minkejja li huwa (cioe` l-appellant) qallu biex jistenna halli jaghtih l-irecevuta fiskali. Skond l-appellant huwa ha l-flus

minn fuq il-bank, fejn kien hallihom dan it-tieni klient, u poggihom fuq il-*cash register* halli kif appena l-impjegata tkun spiccat mill-klient (jew klienta) li kienet qed taqdi, huwa jirregistra l-lira u ghaxar centezmi tal-Pepsi u tas-sigaretti.

Kieku l-fatti kienu kif qed jallega l-appellant, din il-Qorti kienet tilliberah. Kif din il-Qorti kienet osservat, ghalkemm *obiter*, fis-sentenza taghha tal-25 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Doris Bugeja***, jekk klient, minghajr il-kunsens ta' min hu obbligat li johrog ir-ricevuta fiskali, jitlaq il-flus fuq il-bank u johrog 'l barra mill-hanut, ikun hemm l-impossibilita` li dak li jkun jaghtih (lill-klient) l-ircevuta, ghalkemm jibqa' dejjem l-obbligu li l-bejgh jigi registrat minnufih fil-*cash register* sabiex ghall-anqas tinhareg l-imsemmija ricevuta. Dan ifisser ukoll li min hu obbligat li johroh u jaghti l-ircevuta fiskali, jekk jara li persuna ser titlaq il-flus u tohrog 'l barra, ghandu, bhala minimu, jistieden lil dik il-persuna sabiex tistenna ftit sakem tinhareg u tinghatalha l-ircevuta. Fin-nuqqas ta' tali gest, il-qorti tkun korretta jekk tikkonkludi bhala fatt li l-persuna li kellha tohrog u taghti l-ircevuta lill-klient ma kellhiex l-intenzjoni li taghmel hekk. Fil-kaz in dizamina, l-Ispettur tal-VAT Anton Theuma xehed li l-appellant ha f'idejh il-flus li tah il-klient, li f'ebda hin ma qal lill-klient sabiex jistenna halli jaghtih l-ircevuta, u li l-flus poggihom mill-ewwel fil-kexxun tal-*cash register* u mhux fuq il-*cash register* kif allega l-appellant. Il-Qorti tara li l-versjoni ta' dana x-xhud hija aktar kredibbli minn dik ta' l-appellant. L-appellant mhux biss assuma r-responsabbilta` tal-bejgh appena ha l-flus f'idejh, izda l-fatt li pogga l-flus mill-ewwel gewwa l-kexxun tal-*cash register* meta dan kin ghadu qed jintuza fil-konfront ta' klient iehor jindika li l-appellant ma kellu ebda intenzjoni li jirregistra l-bejgh.

Kwantu ghall-piena, in vista ta' l-ammont zghir ta' flus involuti, kif ukoll in vista tad-dikjarazzjoni ta' l-Avukat Prosekutur li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma kienitx toggezzjona li l-piena tinghata fil-minimu taghha, il-Qorti ser tirriduci l-multa ghall-minimu stabbilit fil-ligi.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Carmel Micallef multa ta' mitejn lira u minflok tikkundannah multa ta' mija w hamsin lira (Lm150), pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli fi tletin gurnata prigunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur